SAN LAWRENZ

Il-minuti tat-tmienja u erbghin laqgha tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nzammet nhar l-Erbgha 20 t'Awwissu 2014 fl-Ufficju tal-Kunsill fit-8:15 ta' filghodu.

**Prezenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku: | Anthony Cassar |
| Vici Sindku: | Michelina Mercieca |
| Kunsilliera: | John Mercieca |
| | Luigia Grima |
| | Rose Vella |
| Segretarju Ezekuttiv: | Lucienne Haber |
| Ambaxxattrici: | Renee' Formosa |

1.0 Il-laqgha nbdiet b'talba.

2.0 Inqraw il-minuti u gew ikkonfermati.

**3.0 Wara l-gheluq tal-applikazzjonijiet ghall-post ta' Segretarju Ezekuttiv**

3.1 Is-Sindku semma' li l-applikazzjonijiet ghall-post ta' Segretarju Ezekuttiv ghalqu nhar it-Tnejn 18 t'Awwissu u dahlu sitt applikazzjoniijiet izda ma hemm hadd minnhom li huwa eligibli, jigifieri li fil-prezent huwa segretarju ezekuttiv f'xi kunsill iehor jew fil-lista tal-pooling. Is-Sindku semma' li l-Bord iltaqa' u ffirma l-listi tal-kandidati eligibli kif ukoll dawk mhux eligibbli.

3.2 F'dan l-istadju l-Kunsill irid jerga johrog is-sejha u jrid jitlob lill-Ministru sabiex jahtar Agent Segretarju kemm jista jkun malajr. F'dan ir-rigward il-Kunsill qabel li l-applikazzjoni ghandu johrogha l-Agent Segretarju wara li jkun ilu xi ftit fil-pozizzjoni tieghu.

**4.0 Celebrazzjonijiet fl-okkazzjoni tat-30 Anniversarju bejn il-Gemellagg ta' Colle Umberto u La Ballme de Sillingy**

4.1 Is-Sindku rrefera ghall-invit li rcieva huwa bhala Sindku u ghall-invit li rcieva l-President tal-Assocjazzjoni tal-Gemellagg Noel Formosa sabiex jattendu ghac-celebrazzjonijiet tat-30 Anniversarju fl-okkazzjoni tal-Gemellagg ta' Colle Umberto u La Ballme de Sillingy. Is-Sindku propona li ghandhom jaccettaw din l-istedina u f'dan l-istadju huwa fetah l-istedina ghall-kunsilliera wkoll. Il-kunsillliera Luigia Grima u Michelina Mercieca accettaw l-istedina. Ic-celebrazzjonijiet ser isiru f'Colle Umberto bejn il- 5-8 ta' Settembru 2014.

**5.0 Materji ohra**

5.1 Il-Kunsill qabel li ghandha titressaq talba ma Transport Malta sabiex jinzebghu double yellow lines mar-rampa tal-knisja biex ma jsirx parking.

Il-laqgha ntemmet fid-9:15 ta' filghodu.

*Anthony Cassar*

*Sindku*

*Lucienne Haber*

*Segretarju Ezekuttiv*